ISTITUT TAL-ĠURNALISTI MALTIN
INSTITUTE OF MALTESE JOURNALISTS
*Press Club*, 104
Old Mint Street
Valletta
Malta

# Is-Sbatax-il Edizzjoni tal-Malta Journalism Awards

## Rapport tal-Ġurija

Il-Ġurija għas-17-il edizzjoni tal-Malta Journalism Awards (MJA) kienet magħmula mis-sur Ranier Fsadni, mis-sur Michael Schiavone u mis-sur Anton Cassar bhala *Chairman*.

It-tliet membri, individwalment, eżaminaw is-sottomissjonijiet kollha sottomessi. Meta ltqagħet il-Ġurija, ingħaddew il-marki li taw it-tlett membri kif ukoll iddiskutew il-ġudizzji li kienu waslu għalihom individwalment.

Fost il-kummenti li tqanqlu b'riferenza għas-sottomissjonijiet f'din is-17-il edizzjoni hemm dawn għall-attenzjoni tal-ġurnalisti nfushom.

**Konkorrenza tajba, iżda…**

L-ewwelnett wieħed irid josserva li numru sabiħ ta' konkorrenti ressqu x-xogħlijiet tagħhom għall-premju. B'kollox ħadu sehem 41 konkorrent jew konkorrenta, b'uħud minnhom jissottomettu xogħol għal kollox differenti f'aktar minn kategorija waħda.

Il-kategoriji tal-Ġurnaliżmu Stampat – Ahbarijiet, Ġurnaliżmu Stampat – *Features*, Ġurnaliżmu Mxandar – Skript Televiżiv, Ġurnaliżmu Kulturali u Ġurnaliżmu Sportiv kellhom l-akbar għadd ta' sottomissjonijiet.

**Il-ġurnalisti m'għandhomx jonqsu milli jipparteċipaw**

Il-Ġurija, iżda, xtaqet tara parteċipazzjoni aktar wiesgħa ta' ġurnalisti. Il-ġurnalisti Maltin m'għandhomx jonqsu milli jagħtu sehemhom u jipparteċipaw għax wara kollox il-Malta Journalism Awards huma l-vetrina annwali tal-ġurnaliżmu f'Malta.

**Il-livell ta' l-istejjer ġurnalistiċi**

Uħud mill-istejjer kienu riċerkati filwaqt li oħrajn ma kinux tajbin biżżejjed.

F'xi wħud mill-istejjer sar xogħol tajjeb investigattiv. Ħafna drabi xogħol bħal dan kien ta' periklu għall-ġurnalisti nnifishom. Dan kollu jsaħħaħ il-ġurnaliżmu Malti, minkejja li ħafna drabi l-ġurnalisti ma jsibux kooperazzjoni u għajnuna bizzejjed

mingħand l-awtoritajiet kompetenti biex jiksbu t-tagħrif neċessarju biex jibnu l-fatti ta' l-istejjer tagħhom fuq il-verità u informazzjoni korretta.

Kien hemm okkażjonijiet fejn il-fatti mhux dejjem kienu distakkati mill-kummenti.

Naħsbu li l-ġurnalizmu Malti jixraqlu li jkollu inqas kontenut ta' sensazzjonaliżmu.

F'xi stejjer ippreżentati ma kenitx osservata dejjem u rispettata l-etika ġurnalistika, imma dawn kienu minimi meta kkunsidrajna l-ammont ta' stejjer li kienu ippreżentati.

**It-tip ta' stejjer**

Għalkemm l-istejjer ippreżentati f'kull kategorija kienu interessanti u koprew sew ix-xena politika kif ukoll għadd ta' problemi ekonomiċi, soċjali u ambjentali f'Malta u f'Għawdex, hi ħasra li, b'mod ġenerali, l-ġurnalisti Maltin ftit li xejn jirrappurtaw stejjer pożittivi, jew ġrajjiet fejn l-individwu jippersonifika ġrajja, attività b'risq sħabu jew b'risq is-soċjetà in ġenerali.

**Ġurnaliżmu radjufoniku…bdiet tintlaħaq ċerta kwalità imma wieħed jistenna aktar**

Innutajna wkoll li għalkemm f'Malta u Għawdex għandna numru sabiħ ta' stazzjonijiet tar-radju, in-numru ta' sottomissjonijiet f'din il-kategorija kien zgħir wisq. Madankollu din is-sena x-xogħol sottomess kien ta' kwalità tant li għall-ewwel darba ngħataw it-tliet premjijiet f'din il-kategorija partikulari.

**Ġurnaliżmu viżiv**

Għal dik li hi fotografija ġurnalistika, il-livell hu tajjeb ħafna, imma mhux dejjem dan hu l-każ fil-kategorija tal-filmati televiżivi.

**Il-Kitba bil-Malti u bl-Ingliż**

Għalkemm il-kitba bil-Malti kienet generalment tajba, forsi b'xi żbalji żgħar ta' l-ortografija 'l hemm u 'l hawn, konna nippreferu li f'xi każi jkun hemm livell aħjar ta' l-ilsien Malti. Ħafna drabi sibna li l-ġurnalisti Maltin ma jafux l-idjomi Maltin u minflok jużaw idjomi ta' lingwi barranin.

ISTITUT TAL-ĠURNALISTI MALTIN
INSTITUTE OF MALTESE JOURNALISTS
*Press Club*, 104
Old Mint Street
Valletta
Malta

Ħafna drabi għal kull idjoma ta' lingwa barranija, issib waħda Maltija bl-istess ħsieb ta' l-idjoma barranija. Hemm bżonn ta' aktar impenn mill-ġurnalisti biex itejbu l-kwalità tax-xogħol tagħhom minn dan l-aspett.

Il-kitba bl-Ingliż tal-ġurnalisti konkorrenti ta' min kienet tajba ħafna u ta' min kienet inqas tajba.

**Konklużjoni**

Fuq livell personali, għat-tliet membri tal-Ġurija għal din is-sena, din kienet esperjenza tajba li qsamna flimkien. Il-Ġurija kellha biċċa xogħol iebsa biex tasal għal għażla ġusta u korretta, bħal ma jidhrilha li għamlet, għaliex dan kien id-dmir ewlieni tagħha.

Ranier Fsadni
Michael J. Schiavone
Anton Cassar - *Chairman*

=======

Phone: +356 2131 6958 ● Mobile: + 356 9945 0746 ● Postal address: PO Box 21, GPO Marsa, Malta
e-mail: institute.of.maltese.journalists@gmail.com